

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

Embargo, il-25 ta' Settembru 2025, 14:00 CET

Is-Cedefop iniedi l-ewwel Stħarriġ Ewropew dwar l-Għalliema Vokazzjonali biex jindirizza n-nuqqasijiet kritiċi tal-għalliema tal-VET

Salonka, il-25 ta' Settembru 2025 – Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) illum nieda l-Istħarriġ Ewropew dwar l-Għalliema Vokazzjonali (EVTS), l-ewwel stħarriġ komprensiv tal-UE li sar fost 14 000 għalliem tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) minn 23 Stat Membru tal-UE.

Madwar l-Ewropa kollha, in-nuqqasijiet ta' għalliema fil-VET qed jiżdiedu – speċjalment fl-iSTEM (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerija u l-matematika) u fil-lingwi barranin, is-suġġetti essenzjali għat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika tal-UE. Il-fatturi li jikkontribwixxu għal dan jinkludu:

Il-perċezzjonijiet tal-karriera u d-dħul fit-tagħlim

- Madwar **67 %** tal-għalliema tal-VET għażlu t-tagħlim bħala l-ewwel karriera tagħhom.
- **18 %** biss jemmnu li l-professjoni tagħhom hija meqjusa importanti.

Il-paga u l-kuntratti

- L-għalliema tal-VET jaqilgħu kważi **11 % inqas** minn ħaddiema oħra b'edukazzjoni terzjarja u huwa aktar komuni li jkollhom kuntratti temporanji.
- **40 %** biss huma ssodisfati bil-paga tagħhom.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol

- L-ammonti kbar ta' xogħol, il-klassijiet iffullati, u ambjenti ta' sfida huma komuni.

Mingħajr azzjoni mmirata, l-Ewropa tinsab f'riskju li taqa' lura meta mqabbla mal-kompetituri globali fil-preparazzjoni tal-ħaddiema għall-ekonomija ta' għada.

Dwar l-istħarriġ

L-Istħarriġ se jiġbor *data* minn madwar 14 000 għalliem magħżula b'mod każwali fl-iskejjel tal-VET inizjali (livell 3 tal-ISCED) fi 23 pajjiż Ewropew, jiġifieri: il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja.



Dan se jeżamina sfidi kritiċi, li jinkludu:

- L-effettività tal-iżvilupp professjonali tal-għalliema u l-ostakli rilevanti
- Id-diskrepanzi fil-ħiliet tat-teknoloġija diġitali u ekoloġika
- Il-ġestjoni inklussiva tal-klassi
- Is-sodisfazzjon tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol
- Fatturi li jinfluwenzaw l-attraenza tal-karriera

Mistennija fl-2027, is-sejbiet tal-istħarriġ se jinfurmaw l-iżvilupp tal-politika nazzjonali u tal-UE, se javvanzaw l-aġenda tal-Unjoni tal-Ħiliet u l-kompetittività ekonomika tal-Ewropa filwaqt li jipprovdu lill-iskejjel parteċipanti b'*data* azzjonabbli biex itejbu l-programmi ta' żvilupp professjonali tagħhom.

L-aġenda tal-ħiliet tal-Ewropa teħtieġ investiment fl-għalliema tal-VET. Billi nsaħħu l-appoġġ għall-għalliema tal-VET u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema, inkunu qed insaħħu l-pedament tal-futur ekonomiku tal-Ewropa.

Jekk jogħġbok żur l-[Istħarriġ Ewropew dwar l-Għalliema Vokazzjonali](#) għal aktar informazzjoni.

Kwotazzjonijiet

“L-għalliema huma s-sinġla tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Biex il-karrieri fl-edukazzjoni tal-VET ikunu aħjar u aktar attraenti, għandna bżonn nappoġġaw l-isfidi li jiffaċċjaw l-għalliema u l-ħarrieġa. Dan l-istħarriġ se jżid il-fehim tagħna dwar l-isfidi ffaċċjati u se jgħinna nipprovdu assistenza aħjar. Appoġġ aktar b'saħħtu għall-għalliema jfisser taħriġ aħjar għall-Ewropej fl-istadji kollha ta' ħajjithom, li huwa vitali għall-kompetittività tal-Ewropa, u għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali,” Roxana Mînzatu, Viċi President Eżekuttiv għad-Drittijiet Soċjali, il-Ħiliet, l-Impjiegi ta' Kwalità u l-Preparatezza.

“Billi nsegwu mill-qrib dak li jġri fil-klassi, inkunu qed niġbru l-intelliġenza meħtieġa biex nittrasformaw it-tagħlim tal-VET minn professjoni fi kriżi għal waħda li tattira l-aħjar talent tal-Ewropa,” Jürgen Siebel, Direttur Eżekuttiv tas-Cedefop.

“Għal żmien twil wisq, l-għalliema tal-VET ħassewhom mhux mismugħin. Dan l-istħarriġ finalment jagħtina pjattaforma biex naqsmu r-realtà tagħna – l-isfidi li qed niffaċċjaw, l-appoġġ li neħtieġu, u l-viżjoni tagħna biex l-edukazzjoni vokazzjonali ssir il-karriera attraenti u premjanti kif għandha tkun,” Agnes Roman, Koordinatur Anzjan tal-Politika, Kumitat Ewropew tat-Trade Unions għall-Edukazzjoni (ETUCE)

Dwar is-Cedefop

Is-Cedefop huwa l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea li twettaq riċerka u analiżi ta' politika biex issaħħaħ il-fehim tagħna dwar il-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jinbidlu b'pass mgħaġġel fis-swieq tax-xogħol, kif ukoll dwar kif is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali (VET) qed jadattaw biex jindirizzawhom. Billi jlaqqa' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati tas-suq tax-xogħol fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali, lokali u settorjali, is-Cedefop jidentifika, janalizza, jissintetizza u jippreżenta informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar is-sistemi tal-VET, il-ħiliet u s-swieq tax-xogħol. Din l-intelliġenza hija kruċjali biex jinġabru u jiġu antiċipati b'mod komprensiv ix-xejriet tas-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet tal-ħiliet.

- Aqra l-[istqarrijiet għall-istampa](#) tas-Cedefop.
- Sabiex tirċievi l-aktar aħbarijiet riċenti direttament fl-inbox tiegħek, [irreġistra fuq is-sit web tagħna](#).

Kuntatt:

Uffiċjal għall-Komunikazzjonijiet, Cristina Comunian: Cristina.Comunian@cedefop.europa.eu

Kap tad-Dipartiment għall-Komunikazzjoni, Maurizio Roncaccia:
Maurizio.RONCACCIA@cedefop.europa.eu

Segwina:

